

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd

(2012/C 37/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(2) tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

1. Fit-8 ta' April 2011, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni") ⁽³⁾.
2. Il-KEPD ma kienx ikkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, minkejja l-fatt li l-inizjattiva leġiżlattiva kienet inkluża fl-Inventarju ta' prijoritajiet tal-KEPD għal konsultazzjoni leġiżlattiva ⁽⁴⁾. Għalhekk, l-Opinjoni preżenti hija bbażata fuq l-Artikolu 41(2) tal-istess Regolament.

1.2. L-objettivi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

3. L-objettiv tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni") ⁽⁵⁾, huwa li jimplementa sistema Ewropea għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli kollha tal-Politika Komuni tas-Sajd.

⁽¹⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁽²⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ Disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD (<http://www.edps.europa.eu>) fit-taqsim: Konsultazzjoni/Prijoritajiet.

⁽⁵⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

4. Ir-Regolament ta' Kontroll obbliga lill-Kummissjoni biex tadotta regoli u miżuri dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jstabbilixxi tali regoli dettaljati fir-rigward tal-oqsma li ġejjin: kondizzjonijiet ġenerali għal aċċess għall-ilma u r-riżorsi (Titolu II), il-kontroll tas-sajd (Titolu III), il-kontroll tal-kummerċjalizzazzjoni (Titolu IV), is-sorveljanza (Titolu V), l-ispezzjoni (Titolu VI), l-infurzar (Titolu VII), miżuri li jiżguraw il-konformità mill-Istati Membri (Titolu VIII), id-dejta u l-informazzjoni (Titolu IX) u l-implimentazzjoni (Titolu X).

1.3. L-għan tal-Opinjoni preżenti

5. F'Marzu 2009, il-KEPD ħareġ Opinjonijiet rigward ir-Regolament ta' Kontroll ⁽⁶⁾. L-Opinjoni enfasizzat li l-proposta kienet tinvolvi l-ipproċessar ta' diversi kategoriji ta' dejta, li f'xi każijiet tista' titqies bħala dejta personali. Id-dejta personali normalment tiġi pproċessata fil-każijiet kollha fejn ikun identifikat jew identifikabbli l-kaptan jew is-sid tal-bastiment jew kwalunkwe sajjied jew membru tal-ekwipaġġ. Abbażi ta' dan, il-KEPD għamel xi rakkomandazzjonijiet dwar uħud mid-dispożizzjonijiet tal-proposta.
6. Il-KEPD enfasizza wkoll li bosta Artikoli tar-Regolament propost kienu qegħdin jagħmlu referenza għal proċedura ta' komitoloġija għall-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni u li wħud minn dawn ir-regoli kienu jinvolvu wkoll aspetti ta' protezzjoni tad-dejta ⁽⁷⁾. Minħabba l-impatt li jista' jkollhom dawn ir-regoli fuq il-protezzjoni tad-dejta, il-KEPD għalhekk irrakkomanda lill-Kummissjoni biex tikkonsultah qabel jiġu adottati dawn ir-regoli dettaljati. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ġie adottat fit-8 ta' April 2011, iżda l-KEPD ma ġiex ikkonsultat qabel l-adozzjoni.
7. Il-KEPD jiddispijaċih li r-Regolament ta' Implimentazzjoni ma ġiex ippreżentat lilu għal konsultazzjoni minn qabel kif irrakkomandat fl-Opinjoni tal-2009. Madankollu, huwa jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal xi aspetti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni li jistgħu jqajmu tħassib minn perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta. Għal din ir-raġuni, il-KEPD iddeċieda li jissottometti din l-Opinjoni qasira. Il-kummenti tal-KEPD sejin jiffokaw primarjament fuq l-aspetti li ġejjin: (1) il-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd u l-protezzjoni tad-dejta, (2) is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti mill-bogħod, (3) iż-żamma ta' dejta personali mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti; u (4) l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. ANALIŻI TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI

2.1. Monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd u l-protezzjoni tad-dejta

8. Il-Premessa 31 tistabbilixxi li l-ipproċessar ta' dejta personali skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni huwa rregolat mid-Direttiva 95/46/KE u mir-Regolament (KE) Nru 45/2001, "b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-ipproċessar, it-trasferiment tad-dejta personali mis-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni, il-legalità tal-ipproċessar u d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta għall-informazzjoni, l-aċċess għal u r-rettifika tad-dejta personali tagħhom". Il-KEPD jilqa' din ir-referenza għal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.
9. L-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd huma soġġetti għal monitoraġġ sistematiku u dettaljat permezz ta' mezzi teknoloġiċi avvanzati, inklużi apparat li jsejwi l-movimenti bis-satellita u databases kompjuterizzati ⁽⁸⁾. Il-pożizzjoni ġeografika, id-direzzjoni u l-veloċità tal-bastimenti tas-sajd jiġu mmonitorjati regolarmet mis-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) ⁽⁹⁾ u, fejn applikabbli, mis-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS) ⁽¹⁰⁾ jew mis-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Bastimenti (VDS) ⁽¹¹⁾. Din id-dejta kollha tiġi kkontrollata, analizzata u vverifikata b'mod sistematiku permezz ta' algoritmi

⁽⁶⁾ Opinjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU C 151, 3.7.2009, p. 11).

⁽⁷⁾ Ara l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, imsemmija hawn fuq, il-paragrafi 29-30.

⁽⁸⁾ Ara, f'dan ir-rigward, il-memorandum tal-Kummissjoni tat-12.4.2011, MEMO/11/234.

⁽⁹⁾ Il-VMS tikkonsisti f'apparat li jsejwi l-movimenti bis-satellita li jkun installat abbord il-bastimenti tas-sajd u li jiġbor dejta dwar l-identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd, il-pożizzjoni ġeografika, id-data, il-ħin, id-direzzjoni u l-veloċità tiegħu u jittrasmetti din id-dejta liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera (ara l-Artikolu 4, il-punt 12 tar-Regolament ta' Kontroll).

⁽¹⁰⁾ AIS tfisser sistema awtonoma u kontinwa ta' monitoraġġ u identifikazzjoni tal-bastimenti li tipprovdi mezzi għall-vapuri biex jiskambjaw b'mod elettroniku, ma' vapuri oħrajn fil-qrib u mal-awtoritajiet fuq l-art, dejta dwar il-vapur, inkluż fuq l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni, id-direzzjoni u l-veloċità tiegħu (ara l-Artikolu 4, il-punt 11 tar-Regolament ta' Kontroll).

⁽¹¹⁾ VDS tfisser teknoloġija ta' telerilevament bis-satellita li tista' tidentifika l-bastimenti u tosserva l-pożizzjonijiet tagħhom fuq il-baħar (ara l-Artikolu 4, il-punt 13 tar-Regolament ta' Kontroll).

kompjuterizzati u mekkaniżmi awtomatizzati sabiex jinstabu l-inkonsistenzi jew il-ksur suspettat. Kif juri l-Artikolu 145(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, dan l-ipproċessar jista' jirrikorri, kif xieraq, għal estrazzjoni tad-dejta u attivitajiet ta' profiling ⁽¹²⁾.

10. Sakemm din id-dejta tista' tintrabat ma' individwi identifikati jew identifikabbli (pereżempju, il-kaptan tal-bastiment, is-sid tal-bastiment, jew il-membri tal-ekwipaġġ), dan il-monitoraġġ jinvolvi l-ipproċessar ta' dejta personali. Għalhekk, huwa importanti li s-sistema ta' kontroll tkun bilanċjata tajjeb u li jiddaħħlu fis-seħħ u jiġu implimentati salvagwardji adegwati sabiex jiġi evitat li d-drittijiet tal-persuni involuti jkunu indebitament ristretti. Dan jimplika, pereżempju, delimitazzjoni ċara tal-għanijiet li għalihom tista' tiġi pproċessata d-dejta rilevanti, il-minimizzazzjoni tad-dejta (personali) li tkun qiegħda tiġi pproċessata u l-istabbiliment ta' perjodi massimi għaż-żamma tal-istess dejta. Dan huwa partikolarment importanti fil-każ preżenti fejn l-operazzjonijiet tal-ipproċessar potenzjalment jinvolvu dejta dwar reati jew reati suspettati, li x'aktarx ikunu marbuta mad-dejta personali tas-sid u/jew tal-kaptan tal-bastiment.
11. Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-attivitajiet ta' monitoraġġ, jidher li r-Regolament ta' Implimentazzjoni mhux dejjem jirnexxielu jilħaq bilanċ bejn l-għan li tiġi żgurata l-konformità u r-rispett għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta tal-individwi kkonċernati. Minħabba li r-Regolament ta' Implimentazzjoni diġà ġie adottat, il-KEPD iqis li huwa importanti għall-Kummissjoni li tikkjarifika *ex post*, fejn possibbli, il-kamp ta' applikazzjoni u l-limiti tal-attivitajiet ta' ipproċessar u, fejn ikun meħtieġ, tipprovdi salvagwardji speċifiċi. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, permezz tal-adozzjoni ta' gwida ġenerali jew speċifika jew regoli interni mmirati biex jiċċaraw ċerti aspetti tal-attivitajiet ta' ipproċessar fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali jew fil-qafas ta' kontrolli minn qabel mal-KEPD skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.
12. L-aspetti ewlenin li fl-opinjoni tal-KEPD jeħtieġu aktar speċifikazzjoni huma diskussi hawn taħt.

2.2. L-użu tad-dejta tal-VMS, l-AIS u l-VDS u l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop

13. Wieħed mill-prinċipji bażiċi tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta huwa li d-dejta personali għandha tiġi pproċessata biss għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi ⁽¹³⁾. Il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop jistabbilixxi responsabbiltà speċjali għall-kontrolluri tad-dejta, iżda jistabbilixxi wkoll rekwiżit għal-leġiżlatur, billi jitlob li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi ma għandhomx jittfasslu b'tali mod li jkunu jiġġustifikaw l-użu tad-dejta personali għal skopijiet li mhumiex definiti biżżejjed. Id-derogi tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop huma possibbli, sakemm ikunu meħtieġa u proporzjonati u sakemm ikunu konformi mar-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti fl-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
14. Kif issemma, ir-Regolament ta' Kontroll u r-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdu għall-monitoraġġ sistematiku u dettaljat tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-VMS, l-AIS u l-VDS. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Kontroll, id-dejta mill-VMS, l-AIS u l-VDS tista' tiġi trasmessa lill-aġenziji tal-UE u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru involut fl-operazzjonijiet ta' sorveljanza għall-iskop ta' "is-sigurtà u s-sikurezza marittima, il-kontroll fil-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent marittimu u l-infurzar ġenerali tal-liġi". L-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jispeċifika wkoll li l-Istati Membri għandhom jużaw id-dejta tal-VMS "għall-monitoraġġ effettiv tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd" u li l-Istati Membri għandhom "jiekdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li din id-dejta tintuża biss għal skopijiet uffiċjali".

⁽¹²⁾ Skont l-Artikolu 145(3) "Ir-riżultati kollha tas-sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata, kemm dawk pożittivi kif ukoll dawk negattivi, għandhom jinżammu f'database. Għandu jkun possibbli li tiġi identifikata minnufih kwalunkwe kwistjoni ta' inkonsistenza u nuqqas ta' konformità osservata mill-proċeduri ta' validazzjoni, kif ukoll is-segwitu ta' dawn l-inkonsistenzi. Għandu jkun possibbli li tiġi rkuprata l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd, il-kaptani tal-bastimenti jew l-operaturi tal-bastimenti li għalihom kienu osservati ripetutament inkonsistenzi u kwistjonijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità matul dawn l-aħħar tliet snin".

⁽¹³⁾ L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

15. B'kunsiderazzjoni tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, il-KEPD iqis li l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Kontroll u l-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni huma fformulati b'mod wiesa' ħafna. Jekk ma jiġux interpretati b'mod restrittiv, l-espresjonijiet "infurzar ġenerali tal-liġi", "monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd" u "skopijiet uffiċjali" x'aktarx li jkunu jkopru firxa wiesgħa żżejjed ta' attivitajiet ta' ipproċessar, li lanqas ikunu marbuta b'mod remot mal-iskopijiet tar-Regolament ta' Kontroll. Dan l-approċċ miftuħ iqajjem tħassib b'rabta mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop.
16. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-KEPD jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tippovdi gwida konkreta dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkjarifika t-tifsira, u tillimita l-kamp ta' applikazzjoni, tal-ipproċessar tad-dejta tal-VMS, l-AIS u l-VDS għal infurzar ġenerali tal-liġi jew għal skopijiet oħrajn mhux marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd.

2.3. Perjodi għaż-żamma tad-dejta

17. Prinċipju fundamentali ieħor tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta huwa li d-dejta personali għandha tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-dejta għal mhux aktar żmien milli meħtieġ għall-iskopijiet li għalihom tkun inġabret id-dejta⁽¹⁴⁾. Dan il-prinċipju huwa wkoll marbut direttament mal-limitazzjoni tal-iskop. Jekk id-dejta personali ma tibqax aktar meħtieġa għall-iskop inizjali, iż-żamma ta' dik id-dejta ma tibqax ammissibbli minħabba li tkun tikkostitwixxi ipproċessar inkompatibbli mal-iskop oriġinali.
18. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi perjodu minimu għaż-żamma tad-dejta ta' tliet snin fir-rigward ta' ċerta dejta. Fir-rigward tad-dejta tal-VMS, pereżempju, l-Artikolu 27(2)(a) jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta rilevanti tiġi rreġistrata f'forma li tkun tista' tinqara fuq il-kompjuter u tinħażen b'mod sikur fid-databases kompjuterizzati "għal mill-inqas 3 snin". Bl-istess mod, l-Artikolu 92(3) jistabbilixxi li d-dejta relatata mar-rapporti ta' sorveljanza għandha tinżamm disponibbli fid-database għal "mill-inqas 3 snin". Barra minn hekk, l-Artikolu 118 jistabbilixxi li d-dejta mir-rapporti ta' spezzjoni għandha tinżamm disponibbli fid-database "għal mill-inqas 3 snin".
19. B'mod ġenerali, il-KEPD iqis li l-perjodu tal-ħażna kellu jiġi stabbilit b'mod aktar preċiż bl-iffissar ta' perjodu massimu ta' żamma (minflok sempliċiment perjodu minimu ta' żamma). Fi kwalunkwe każ, huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jiġu interpretati b'mod konsistenti mal-Artikolu 6(1)(e) tad-Direttiva 95/46/KE u mal-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Dan jimplika li l-perjodu ta' żamma ta' 3 snin għandu, fil-prinċipju, jiġi interpretat bħala perjodu massimu ta' żamma, sakemm il-ħtieġa li d-dejta tinżamm għal perjodu itwal ma tkunx tista' tintwera b'mod adegwat fuq il-bażi ta' evidenza konvinċenti.

2.4. Kooperazzjoni amministrattiva u trasferimenti ta' dejta lil pajjiżi terzi

20. L-Artikolu 164 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jirregola l-iskambji ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 164 jitratta b'mod partikolari l-iskambji ta' informazzjoni minn Stat Membru għal pajjiż terz jew Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd taħt ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż jew b'konformità mar-regoli ta' dik l-Organizzazzjoni. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 164 jitratta l-iskambji ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, mill-Kummissjoni, jew mill-korp maħtur minnha, fil-qafas tal-ftehimiet tas-sajd konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew fil-qafas tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd jew arrangements simili.
21. Filwaqt li l-paragrafu 2 tal-Artikolu 164 jispeċifika li l-iskambju ta' informazzjoni mill-Istati Membri lill-pajjiżi terzi għandu jsir "b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali", il-paragrafu 3 ma fih ebda referenza simili fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni li joriġinaw mill-Kummissjoni. Skont il-paragrafu 3, l-iskambju ta' informazzjoni huwa soġġett biss għall-kunsens tal-Istat Membru li pprovda l-informazzjoni.
22. F'dan ir-rigward, il-KEPD jenfasizza li l-komunikazzjoni ta' dejta personali mill-Kummissjoni jew minn korpi jew Istituzzjonijiet Ewropej oħrajn lil pajjiżi terzi skont l-Artikolu 164 tista' ssir biss jekk tintlaħaq konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u b'mod partikolari mal-Artikolu 9 tiegħu.

⁽¹⁴⁾ L-Artikolu 6(1)(e) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2.5. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa ta' verifika minn qabel

23. Ir-Regolament ta' Kontroll u r-Regolament ta' Implimentazzjoni jistgħu jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta personali mill-Kummissjoni jew minn korpi oħrajn tal-UE, biex b'hekk ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 ikun applikabbli għal dawn l-operazzjonijiet ta' ipproċessar. Minħabba li dawn l-operazzjonijiet ta' ipproċessar x'aktarx li jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta, huma għandhom ikunu soġġetti għal verifika minn qabel tal-KEPD skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.
24. B'mod partikolari, jidher li l-operazzjonijiet ta' ipproċessar imwettqa skont ir-Regolament ta' Kontroll u r-Regolament ta' Implimentazzjoni jistgħu jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta relatata ma' reati jew reati suspettati mwettqa minn bastiment. Din id-dejta x'aktarx li tkun marbuta mad-dejta personali tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment (jew membru tal-ekwipaġġ) b'konnessjoni mal-ksur tar-regoli applikabbli.
25. Konsegwentement, il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni (u korpi Ewropej oħrajn ikkonċernati) biex jikkunsidraw il-ħtieġa ta' verifika minn qabel tal-operazzjonijiet ta' ipproċessar imwettqa skont ir-Regolament ta' Kontroll u r-Regolament ta' Implimentazzjoni u jippreżentaw in-notifiki meħtieġa flimkien ma' din il-valutazzjoni ⁽¹⁵⁾.

KONKLUŻIONIJET

26. Il-KEPD jiddispaċiħ li t-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ma ġiex innotifikat lilu għal konsultazzjoni leġiżlattiva skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, kif irrakkomandat fl-Opinjoni tal-2009. Għalkemm il-KEPD jilqa' r-referenza għal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-Premessa 31 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, huwa jsib li ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jqajmu tħassib relatat mal-protezzjoni tad-dejta.
27. Minħabba li r-Regolament ta' Implimentazzjoni diġà ġie adottat, il-KEPD jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tikkjarifika *ex post*, fejn possibbli, il-kamp ta' applikazzjoni u l-limiti tal-attivitajiet ta' ipproċessar u, fejn ikun meħtieġ, tipprovi salvagwardji speċifiċi. Dan jista' jsir permezz tal-adozzjoni ta' gwida ġenerali jew speċifika jew regoli interni jew fil-qafas ta' verifiki minn qabel mal-KEPD skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.
28. B'mod partikolari, il-KEPD jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lil korpi Komunitarji oħrajn ikkonċernati biex:
 - jipprovdu gwida konkreta dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkjarifika t-tifsira, u tillimita l-kamp ta' applikazzjoni, tal-ipproċessar tad-dejta tal-VMS, l-AIS u l-VDS għal "infurzar ġenerali tal-liġi" jew għal skopijiet oħrajn mhux marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - kull meta r-Regolament ta' Implimentazzjoni jstabbilixxi perjodu minimu ta' żamma fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' dejta (ara l-eżempji pprovduti fil-paragrafu 19), iżommu d-dejta personali għal perjodi itwal biss jekk tkun tista' tintwera b'mod adegwat il-ħtieġa li jsir dan;
 - jiżguraw li t-trasferiment tad-dejta personali mill-Kummissjoni jew minn korpi jew Istituzzjonijiet Ewropej oħrajn lil pajjiżi terzi skont l-Artikolu 164 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jkun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu;
 - jikkunsidraw il-ħtieġa ta' verifika minn qabel mal-KEPD tal-operazzjonijiet ta' ipproċessar imwettqa skont ir-Regolament ta' Kontroll u r-Regolament ta' Implimentazzjoni u jippreżentaw in-notifiki meħtieġa flimkien ma' din il-valutazzjoni.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2011.

Giovanni BUTTARELLI
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni
tad-Dejta

⁽¹⁵⁾ Kif ġie rakkomandat diġà fl-Opinjoni tal-2009, ara l-paragrafu 22.